**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 613/2013 AF**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**vs**

**Dennis-Charles sive Dennis Falzon**

**Wafaa Muscat Es Samlaly**

**in solidum u bejniethom**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Ltd li ġie ppreżentat fl-24 ta' Ġunju 2013, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija socjetà tal-assikurazzjoni illi hija licenzjata f'Malta biex tbiegh poloz tal-assikurazzjoni, inkluzi dawk fuq il-vetturi – ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjetà rikorrenti harget il-polza assikurattiva bin-numru

48495 0213515 fuq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni ABL 604 proprjetà tal-intimat Dennis-Charles sive Dennis Falzon, liema polza kienet tat-tip "Comprehensive Motor Plus" u kienet mgedda mill-intimat sal-31 ta' Jannar 2004. Din il-polza kienet tkopri lill-assikurat, Dennis–Charles sive Dennis Falzon, kif ukoll kull sewwieq iehor awtorizzat minnu li jkun ghalaq l-età ta' hamsa u ghoxrin (25) sena jew aktar.

Il-vettura imsemmija kienet involuta f'incident awtomobilistiku illi sehh fi Triq San Luqa, f'San Pawl il-Bahar fid-29 ta' Jannar 2004, waqt illi l-istess vettura kienet qed tinstaq mill-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly, li fil-mument tal-incident kellha biss dsatax-il (19) sena, u kwindi ma kienitx sewwieqa awtorizzata valida skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess polza.

L-intimat Dennis-Charles sive Dennis Falzon kien jaf lill-intimata l-ohra Wafaa Muscat Es Samlaly, u kien jaf ukoll illi kellha inqas minn hamsa u ghoxrin sena, u cio nonostante konxjentement taha ic-cwievet tal-vettura in kwistjoni u ppermetthiela illi ssuq l-istess l-vettura, u kwindi b'intenzjoni u konoxxjenza pjena ta' dak illi kien qed jaghmel, kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattivi mahruga mis-socjetà rikorrenti f'ismu.

F'dan l-incident kienu sofrew danni numru ta' persuni terzi, fosthom tfal minorenni illi kienu rekbin fil-vettura l-ohra involuta fl-istess incident illi kellha n-numru tar-registrazzjoni HMY 180 u kienet misjuqa minn Raymond Xerri.

In segwitu ta' dan kollu, dawn it-terzi persuni kienu pprezentaw ghadd ta' kawzi quddiem il-Qrati, kif ukoll it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u permezz ta' numru ta' sentenzi u decizjonijiet moghtija bejn l-2004 u l-2009, l-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly kienet giet misjuqa risponsabbli in toto jew in parte u kkundannata thallas danni, spejjez gudizzjarji u imghaxijiet, skond il-kaz.

Peress illi f'kull kawza s-socjetà rikorrenti kienet giet interpellata sabiex thallas dawn id-danni imsemmija fil-paragrafu precedenti wara illi kienet giet interpellata b'ittri

ufficjali ai termini tal-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kellha thallas lil dawn it-terzi persuni d-danni kollha reklamati minnhom u kkanonizzati skond is-sentenzi relattivi.

Sal-lum is-socjetà rikorrenti hallset is-somma komplessiva ta' mija u sbatax-il elf tliet mija u tnax-il Ewro u tnejn u sittin Ewro centezmi (€117,312.62), rapprezentanti danni, spejjez, imghaxijiet skond is-sentenzi, kif ukoll spejjez u drittijiet professjonali u spejjez ancillari ohra relatati mal-istess incident – u dana skond kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. GMI.1, u hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Dawn il-hlasijiet saru mis-socjetà rikorrenti biss minhabba l-obbligi legali taghha ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghax kienet kostretta taghmel hekk minhabba l-operat tal-ligi.

Minhabba l-ksur tal-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni, kif fuq premess, l-intimati in solidum u bejniethom, jahtu ghad-danni komplessivi sofferti mis-socjetà rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-intimat Dennis-Charles sive Dennis Falzon kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni numru 48495 0213515 mahruga fuq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ABL 604, proprjetà tieghu, meta ppremetta illi din il-vettura tinstaq mill-intimata l-ohra Wafaa Muscat Es Samlaly fid-19 ta' Jannar 2004.

2. Tiddikjara lill-intimata l-ohra Wafaa Muscat Es Samlaly ma kienitx koperta mill-polza tal-assikurazzjoni msemmija, peress illi din kienet tkopri biss persuni tal-età ta' hamsa u ghoxrin sena jew aktar, mentri hi kellha biss dsatax-il sena fil-gurnata tal-incident imsemmi.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u sbatax-il elf tliet mija u tnax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu Ewro centezmi (€117,312.62) jew

kwalunkwe ammont iehor verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-intimati, in solidum u bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' mija u sbatax-il elf tliet mija u tnax-il Ewro u tnejn u sittin Ewro centezmi (€117,312.62) (jew kwalunkwe ammont iehor verjuri).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata[1] tal-intimat Dennis-Charles sive Dennis Falzon li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Awwissu 2013, li in forza tieghu gie eccepit illi:

Preliminarjament it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 543 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-esponent Dennis-Charles sive Dennis Falzon qatt ma ppermetta u/jew tah il-kunsens tieghu sabiex l-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABL 604. Ghalhekk, l-esponent ma kiser l-ebda disposizzjoni u/jew kundizzjoni tal-polza ta' assikurazzjoni li fid-data tal-incident mertu ta' din il-kawza, ossia fid-29 ta' Jannar 2004 kienet tkopri il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABL 604, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent Dennis-Charles sive Dennis Falzon ma jistax jigi kkundannat li jhallas lis-socjetà rikorrenti l-ammonti sborsati mill-istess socjetà rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident *de quo*.

---

[1] Peress li l-intimat Dennis-Charles sive Dennis Falzon ippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu tardivament (cioe` iktar minn 20 jum min-notifika tar-rikors) is-soċjeta` attriċi talbet l-isfilz tagħha, iżda din il-qorti fit-12 ta' Diċembru 2013 (fol 47-49) sabet li kien irnexxilu jipprova kawża ġusta u għalhekk ċaħdet it-talba tas-soċjeta` rikorrenti.

In vista tal-premess, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti kif diretti kontra l-esponent Dennis-Charles sive Dennis Falzon huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ghalhekk jigu rigettati fl-intier taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi, bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti.

Fir-rigward tal-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly, minkejja li ġiet notifikata skont l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12[2], baqgħet ma ppreżentatx ir-risposta tagħha.

Din is-sentenza hija waħda preliminari u tirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 u tal-Artikolu 543 tal-Kapitolu 13, sollevata mill-intimat Dennis-Charles sive Falzon.

Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni din il-qorti rat id-dokumenti relattivi li ġew ippreżentati, semgħet lix-xhud Max Borg Bonello, u rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-intimat Dennis-Charles sive Falzon u n-nota responsiva tas-soċjetà rikorrenti.

Din il-kawża tirrigwarda incident awtomobilistiku li seħħ f' San Pawl il-Baħar fid-29 ta' Jannar 2004 waqt li l-vettura tal-għamla Fiat Punto (ABL-604) proprjetà tal-intimat Dennis-Charles sive Dennis Falzon kienet qed tinstaq mill-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly. Is-soċjetà rikorrenti tispega li dak iż-żmien tal-inċident hija kellha dsatax (19)-il sena.

Il-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni tat-tip "*Comprehensive Motor Plus*" maħruġa mis-soċjetà rikorrenti. Skont il-polza[3], il-*policyholder* huwa indikat bħala Dennis-Charles sive Dennis Falzon u l-*authorised drivers* huma indikati bħala "*You* (jiġifieri Falzon) *and any person aged 25 years or*

---

[2] Affissjoni tar-rikors, dokumenti, diġriet u l-avviż għas-smiegħ mal-Għassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar u mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar (20.09.2013), u pubblikazzjoni fil-qosor tal-att u data tas-smiegħ fil-Gazzetta tal-Gvern (04.10.2013) u fil-gazzetta in-Nazzjon (21.10.2013)

[3] Dok MMBB2, fol 68

*over driving on your order or with your permission*."[4]

Kaġun tal-inċident imsemmi, terzi persuni sofrew danni u dawn kienu ppreżentaw għadd ta' kawżi quddiem il-qrati, kif ukoll quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, u permezz tas-sentenzi relattivi l-intimata odjerna Wafaa Muscat Es Samlaly kienet instabet responsabbli *in toto* jew *in parte* għall-inċident.[5] Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija kienet ġiet interpellata tħallas id-danni wara li kienet ġiet interpellata b'ittri uffiċjali ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija ikkonfermat li fil-fatt ħallset is-somma ta' €117,312.62[6] rappreżentanti danni, spejjeż, imgħaxijiet kont is-sentenzi, kif ukoll spejjeż u drittijiet professjonali u spejjeż anċillari oħra relatati mal-istess inċident. Spjegat li hija għamlet dawn il-ħlasijiet biss minħabba l-obbligi legali tagħha u għax kienet kostretta tagħmel hekk minħabba l-operat tal-liġi.

Hija ssostni li minħabba l-ksur tal-polza ta' assigurazzjoni, l-intimati in *solidum u bejniethom* jaħtu għad-danni komplessivi sofferti minnha. Għalhekk intavolat din il-kawża.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni l-intimat Falzon jibda' biex jgħid illi l-preskrizzjoni applikabbli f' każ ta' danni minħabba inadempjenza ta' obbligi kontrattwali hija dik ta' ħames (5) snin. Isostni però li *data ma non concesso* li seta' kien hemm ksur tal-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni, jekk xejn tali ksur seħħ nhar id-29 ta' Jannar 2004 u cioè fid-data ta' meta seħħ l-inċident li ta lok għad-danni. Jargumenta illi s-soċjetà rikorrenti bejn Mejju u Novembru 2004 kienet ġiet notifikata b'tlett (3) ittri uffiċjali minn terzi li kienu involuti għall-event dannuż u għalhekk

---

[4] Para 3 taħt "Authorised Driver/Permitted Drivers" skeda Dok MMBB1, fol 56-67

[5] Michael Vella et vs Raymond Scerri et (1072/2004) TTZ (J S Refalo) – deċiża 18.02.2005
Raymond Xerri vs Wafaa Muscat es Samlaly (849/2004) - PA (A Lofaro) – deċiża 25.06.2008
Taddeo Attard noe et vs Raymond Xerri et (896/2004) PA (L Farrugia Sacco) – deċiża 18.07.2009

[6] Is-soċjeta` rikorrenti ppreżentat il-prospett tad-danni immarkat bħala Dok GMI.1 (fol 6)

kienet mgħarrfa dwar il-pretensjonijiet li kellhom – li eventwalment wasslu għal ħlas ta’ danni – madwar disa’ (9) snin qabel ma hija intavolat il-proċeduri odjerni. Iżid jgħid li l-fatt li hija qatt ma ppreżentat xi att ġudizzjarju fil-forma ta’ protest jew ta’ ittra uffiċjali qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni u wisq anqas qatt ma interpellat, la bonarjament u lanqas b’xi mod ieħor, lill-esponent huwa indikazzjoni ċara tar-rinunzja da parti tagħha li tissalvagwardja d-drittijiet minnha pretiżi. Għalhekk issostni li l-azzjoni odjerna hija milquta bil-preskrizzjoni ta’ ħames (5) snin abbażi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u tal-Artikolu 543 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta’ Malta.

F’dan l-isfond il-Qorti tqis illi jidher li hemm qbil bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat Falzon li l-perjodu ta’ preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni in kwistjoni (danni minħabba ksur ta’ obbligi kuntrattwali) huwa dak ta’ ħames (5) snin u dan kemm a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll a tenur tal-Artikolu 543 tal-Kapitolu 13.

> L-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili:
> *“L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’* ***ħames*** *snin: ….. (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta’ kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’ skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.”*
>
> L-Artikolu 543 tal-Kapitolu 13:
> *“Kull azzjoni li ġejja minn kuntratt ta’ ……assigurazzjoni, taqa’ bil-preskrizzjoni wara* ***ħames*** *snin minn dak in-nhar li hija setgħet tiġi eżerċitata.”*

In-nuqqas ta’ qbil bejniethom jirrigwarda proprju l-mument meta għandu jitqies li bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni: l-intimat Falzon isostni li dan hu mid-data tal-inċident awtomobilistu, filwaqt li s-soċjetà rikorrenti ssostni li dan huwa mid-data li fiha hija kienet kostretta tħallas lil xi terz, għax huwa propju f’dak il-mument li tnissel id-dannu bħala riżultat tal-allegat ksur tal-kuntratt tal-assigurazzjoni.

Kuntratt tal-assigurazzjoni huwa kuntratt kundizzjonali bejn żewġ partijiet fejn parti waħda (l-assigurat) tħallas il-*premium* lill-parti l-oħra (l-assiguratur) bil-patt li dan tal-aħħar jagħmel ħlas ferm akbar f' każ li tavvera ruħha ċirkostanza partikolari: f'każ ta' assigurazzjoni ta' vettura, iċ-ċirkostanza ovvjament tkun l-inċident awtomobilistiku jew xi avveniment sinistru fuq il-vettura, bhal serq jew hruq. F'kull kuntratt ta' assikurazzjoni japplikaw kundizzjonijiet partikolari, u fil-kuntratt li kien sar bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat Falzon, kien ġie definit fost affarijiet oħra li l-vettura kellha tinstaq mill-assigurat innifsu u minn persuni li ma jkunux taħt l-età ta' ħamsa u għoxrin (25) sena. Ifisser allura li jekk din il-kundizzjoni tinkiser u fil-fatt iseħħ incident, l-istess inċident ma jkunx kopert bil-kuntratt tal-assigurazzjoni. Għalhekk l-obbligu tas-soċjetà assigurattriċi li tagħmel tajjeb għad-danni kaġunati bħala riżultat tal-inċident ma japplikax. Għalhekk kwalunkwe ħlasijiet li effettivament tkun ġiet kostretta tagħmel abbażi tal-obbligi legali tagħha (il-Kap 104) jitqiesu allura bħala "danni" sofferti minnha minħabba ksur kuntrattwali. Għall-istess raġuni is-soċjetà rikorrenti qed tqis li l-spejjeż anċillari li kellha tagħmel għandhom wkoll jitqiesu bħala danni riżultanti mill-ksur tal-kuntratt tal-assigurazzjoni.

Kawża għad-danni minħabba ksur kuntrattwali bħal ma hija din odjerna, għandha tkun ibbażata mhux biss fuq l-allegazzjoni li (i) inkisret xi kundizzjoni tal-kuntratt iżda wkoll fuq l-allegazzjoni li (ii) bħala konsegwenza ta' tali ksur l-attur ikun fil-fatt sofra danni. Ma jistax wieħed jeżerċita tali azzjoni jekk jkun għadu mhux magħruf jekk bħala riżultat tal-allegat ksur tal-kuntratt huwa hux ser isofri danni jew le. Issa kif ingħad, għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni l-intimata Wafaa Muscat Es Samlaly fil-fatt instabet responsabbli *in toto* jew *in parte* permezz ta' sentenzi separati u konsegwentement is-soċjetà rikorrenti ġiet interpellata tħallas lit-terzi persuni konċernati d-danni kollha reklamati minnhom u kkanonizzati skont is-sentenzi relattivi ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104, kif fil-fatt għamlet.

Max Borg Bonello[7] spjega li bejn is-snin 2004 sa 2009 is-

[7] Xiehda ta' Max Borg Bonello tas-27 ta' Frar 2014, fol 75-76

soċjetà rikorrenti kienet qed tistenna l-eżitu ta' tlett (3) kawżi separati b'tlett deċiżjonijiet separati. Huwa għamel riferenza għall-iskeda tal-ħlasijiet (Dok GMI.1) li s-soċjetà rikorrenti għamlet bejn it-30 ta' Jannar 2004 u t-22 ta' Mejju 2012.

Fil-fehma ta' din il-qorti għal kull darba li s-soċjetà rikorrenti kienet kostretta tħallas lil xi terz abbażi tal-obbligi legali tagħha ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 beda jiddekorri perjodu tal-preskrizzjoni ta' ħames snin (5) u dan għaliex huwa proprju f'tali mument li jista' jiġi allegat li tnissel id-dannu u mhux meta seħħ l-inċident innifsu.

Is-socjetà rikorrenti kien ghad ma kellha ebda interess tagixxi ghall-hlas ta' danni qabel ma fil-fatt giet kundannata thallashom.

Din il-kawża saret fl-24 ta' Ġunju 2013 u għalhekk kwalunkwe ħlas li s-soċjetà rikorrenti kienet kostretta tagħmel lil terzi abbażi tal-polza tal-assiġurazzjoni (u kwalunkwe spejjeż anċillari li inkorriet) fil-perjodu bejn l-24 ta' Ġunju 2008 u l-24 ta' Ġunju 2013 mhux konsiderat preskritt. Skont il-prospett Dok GMI.1 din il-qorti kkalkulat li l-ħlasijiet li saru minnha f' tali perjodu jammontaw għal €112,724.88.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-intimat Falzon fir-rigward tal-ammont ta' €112,724.88 (mija u tnax-il elf seba' mija u erba' u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu) u tilqagħha biss fir-rigward tal-ammont ta' €4,587.74 (erbat elef hames mija u seba' u tmenin Ewro u erba' u sebghin centezmu).

L-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari għandhom jitħallsu mill-intimat Falzon.

IMHALLEF

DEP/REG